VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,937, 28 ta' Ġunju, 2012
Taqsima B

A.L. 221 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva (Promozzjoni ta' Negozji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva (Promozzjoni ta' Negozji).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2012.

Emendi tal-liġi msemmija fl-Iskeda.

2. Il-liġi speċifikata fl-Ewwel Kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandha sseħħ suġġetta għall-emendi speċifikati fit-Tieni Kolonna tal-istess Skeda.

SKEDA
Emendi għal-Liġi

L-Ewwel Kolonna	**It-Tieni Kolonna**
Liġi	*Emenda li għandha ssir*
Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji Kap. 325.	1. Fl-artikolu 2, minnufih wara t-tifsira "taxxa fuq l-*income*", għandha tiżdied t-tifsira ġdida li ġejja: " "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;". Kap.490.
	2. Fis-subartikolu (6) tal-artikolu 27, minflok il-kliem "lill-Bord ta' Appelli mwaqqaf bl-artikolu 28" għandhom jidħlu l-kliem "lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva".
	3. L-artikoli 28, 29, 30 u 31 għandhom jiġu sostitwiti bl-artikoli ġodda li ġejjin:

"Appelli.

28. It-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jisma' u jiddetermina appelli skont l-artikolu 30.

Liability.

29. Il-membri tat-Tribunal ma jkunux personalment responsabbli għal kull egħmil jew nuqqas tat-Tribunal magħmul jew li naqas li jsir *bona fide* matul il-proċedimenti tat-Tribunal.

Appelli lit-Tribunal ta' Reviżjoni amministrattiva.

30. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), kumpannija kwalifikanti jew benefiċjarju ieħor li jkunu aggravati b'xi deċiżjoni meħuda dwar ħwejjeġ li jaqgħu taħt jew li huma maħsubin fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jkollhom id-dritt li jappellaw minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27(6), is-subartikolu (1) ma japplikax għal deċiżjonijiet meħuda mill-President ta' Malta, mill-Ministru, jew il-Korporazzjoni, skond il-każ, fl-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali.

(3) Appell minn deċiżjoni kif intqal qabel għandu jsir premezz ta' rikors ippreżentat lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni.

Kap. 490.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, sa fejn japplikaw għat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċedura quddiem l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" fl-imsemmija liġi għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Korporazzjoni.

Kap. 490.

(5) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal kull proċedura pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli kostitwit taħt l-artikolu 28 ta' dan l-Att, kif dak l-artikolu kien fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, u dawk l-appelli għandhom jiġu assenjati lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 25, hawn fuq imsemmi, b'seħħ minn l-1 ta' Lulju, 2012.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma bla ħsara għall-proċeduri previsti -

(a) mill-artikolu 65 sal-artikolu 69 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; u

Kap. 123.

(b) mill-artikolu 25 sal-artikolu 28 tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjonit*:

Kap. 239.

Iżda kull punt deċiż taħt dan l-artikolu dwar xi ħaġa prevista f'dan l-Att għandu jkun finali u konklużiv, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 31.

(7) L-appelli kollha lit-Tribunal għandhom jinstemgħu bil-magħluq sakemm it-Tribunal, wara rikors taż-żewġ partijiet fil-kawża, ma jordnax xort'oħra.

(8) It-Tribunal jista' jordna l-korrezzjoni ta' xi żball aritmetiku li jsir f'xi deċiżjoni tiegħu wara li jsir rikors ippreżentat minn xi waħda mill-partijiet fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika lilha ta' dik id-deċiżjoni, u dak ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra..

Appelli lill-Qorti tal-Appell.

31. (1) Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir mill-parti waħda jew l-oħra, fuq punt ta' liġi biss, lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'rikors ippreżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika lilha bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u dak ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra.

(2) L-appelli kollha lill-Qorti tal-Appell għandhom jinstemgħu bil-magħluq kemm-il darba, il-Qorti, wara rikors taż-żewġ partijiet fil-kawża, ma tordnax xort'oħra.

(3) Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal u tal-Qorti tal-Appell għandhom jiġu ppubblikati, iżda mingħajr ma tinkixef l-identità ta' xi persuna.".

*Imħassar bl-Att XVI tal-1993.